MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 255/2012

**Fl-atti tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 1825/12 fl-ismijiet:**

**Mary-Ann Mifsud (ID No. 0300150M)**

**Vs**

**Id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Mary Ann Mifsud ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn esponiet:

Illi r-rikorrenti giet notifikata b'ittra ufficjali datata 18 ta' Lulju, 2012 mibghuta lilha mill-intimat dwar allegat kreditu ta' €1304.72, allegatament rapprezentanti hlas f'arretrati tal-licenzja WT/0025/1991, liema licenzja ghalqet nhar il-31 ta' Dicembru 1995;

Illi r-rikorrenti ssostni li t-talba tad-Direttur intimat hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan anki ai termini ta' l-Artikolu 466(2) *et seq* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, in vista ta' dak suespost, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li t-talba tal-intimat permezz tal-ittra ufficjali datata t-18 ta' Lulju, 2012 bin-numru 1825/12 kif notifikata lir-rikorrenti, hija wahda infondata, u ghaldaqstant tiddikjara li ma hemm xejn dovut lid-Direttur intimat mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat ir-risposta tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni fejn espona:

Illi permezz ta' rikors datat 27 ta' Lulju 2012, ir-rikorrenti qeghda titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara t-talba tal-esponent ghall-hlas tas-somma ta' elf tlett mija u erba' ewro u tnejn u sebghin centezmu (EUR 1304.72), mahruga permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 1825/12 a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-esponent ghall-kuntrarju jirribatti li s-somma mitluba minnu hija gusta u timmerita konferma ghaliex ir-rikorrenti hija fil-pussess ta' Wireless Telegraphy Apparatus i. Motorola Radius P2106511 QY1204 Portable No of Channels: 1 u ii. Motorola Radius P 2106511 QY 1214 Portable No of

Channels: 1, kif mehmuz f'Dok B ma' din ir-risposta, u ma onoratx il-pagamenti tal-arretrati fuq il-licenzja.

Illi r-rikorrenti tul is-snin dejjem giet infurmata bil-kontijiet pendenti kif jidher anke mill-ahhar kont mehmuz mal-ittra ufficjali.

Ghaldaqstant u fid-dawl tas-suespost l-esponent jitlob lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti u tikkonferma t-talba tal-esponent kif kontenuta fl-ittra ufficjali tieghu 1825/12, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fis-snin disghin ir-rikorrenti kienet xtrat apparat tat-telegrafija minghajr fili minghand Pace Associates Limited, u ma' dan l-apparat kien hemm abbinat licenzja.
2. Fl-1995, ir-rikorrenti ddecidiet li tnehhi dan l-apparat. Hija marret ghand il-hanut minn fejn kienet xtratu u offritielhom li ttihom lura l-apparat li kellu jigi pacut mal-ammont ta' Lm274 li hi kien ghad fadlilha ttihom tal-prezz meta kienet xtrat l-apparat. Huma accettaw l-offerta

taghha. Fl-affidavit taghha, ir-rikorrenti tghid li ma min tkellmet fil-hanut, kien assiguraha li se jiehu hsieb kollox hu u li hi ma kellha x'taqsam xejn aktar ma' dan l-apparat.[1]

3. In kontro-ezami, ir-rikorrenti ammettiet li wara li rritornat l-apparat lil tal-hanut, hija baqghet tircievi l-invoices mid-dipartiment ghal hlas tal-licenzja tal-appartat. Pero hija xehdet li hasbet li d-dipartiment qed jibghathomlha bi zball u ma kienitx taghti kazhom. Hija xehdet ukoll li ma kienitx infurmat lid-dipartiment bil-miktub li kienet irritornat l-apparat lil tal-hanut, u lanqas cemplet jew staqsiet lid-dipartiment tal-Gvern x'kellha taghmel.[2]
4. Madanakollu, Brian Buhagiar, rapprezenant tad-Direttur intimat xehed[3] li mill-file ma kienx jirrizulta li l-apparat kien gie ritornat lil tal-hanut, pero fil-file kien hemm minuta li r-rikorrenti kienet cemplet lid-dipartiment fit-2 ta' Dicembru 2004, fejn infurmathom li kienet irritornat l-apparat lura lil Pace and Associates Limited u li fil-pussess taghha ma kellha l-ebda apparat. Hija giet infurmata mid-dipartiment biex tmur id-dipartiment biex thallas l-ammont dovut, pero hija qatt ma marret id-dipartiment. Huwa xehed ukoll li kull sena kienu jibghatula invoice.
5. Mill-kont ezebit mar-risposta tad-Direttur intimat,[4] jirrizulta li fil-31 ta' Dicembru 1995, ir-rikorrenti kellha taghti lid-dipartiment €46.59, u skont ix-xhieda ta' Brian Buhagiar, id-dipartiment mhux qed jippretendi arretrati ta' licenzja qabel din id-data.
6. Id-dipartiment baqa' jgedded il-licenzja tal-apparat sal-2011, ghax il-licenzja giet revokata fit-3 ta' Jannar 2012.[5]
7. Peress li r-rikorrenti baqghet inadempjenti, fit-18 ta' Lulju 2012, id-Direttur intimat baghat lis-socjeta rikorrenti, ittra ufficjali ghall-fini tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili sabiex tigi mhallsa s-somma f'arretrati ta' €1304.72.
8. Illi r-rikorrenti qed tikkontesta l-ammont pretiz mill-intimat permezz ta' dawn il-proceduri.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-intimat gab prova li fl-1991 inharget licenzja f'isem ir-rikorrenti ghal pussess ta' apparat tat-telegrafija minghajr fili u fil-fatt dan mhux qed jigi kontestat mir-rikorrenti. Ir-rikorrenti kompliet

[1] Ara affidavit tar-rikorrenti a fol. 22 tal-process.
[2] Ara kontro-ezami tar-rikorrenti a fol. 34-35 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Brian Buhagiar a fol. 37 *et seq.* tal-process.
[4] Ara Dok B a fol. 8-9 tal-process.
[5] Ara Dok B a fol. 8 tal-process.

thallas it-tigdid tal-licenzja sal-1994. Ir-rikorrenti tghid li fl-1995 hija rritornat lura l-apparat in kwistjoni lil Pace and Associates Limited minn fejn kienet xtratu, u li min kien qdiha fil-hanut kien qalilha li se jiehu hsieb kollox hu. Pero kien dover tar-rikorrenti li tassigura ruhha li l-licenzja tigi kancellata minn fuq isimha fir-records tad-dipartiment mill-ewwel.

Kwalunkwe ftehim li r-rikorrenti setghet ghamlet ma' Pace and Associates Limited huwa *res inter alios acta* ghad-dipartiment, ladarba ma jirrizultax li dan gie debitament infurmat bil-miktub li l-apparat ma kienx ghadu fil-pussess tar-rikorrenti.

Il-fatt li d-Direttur intimat baqa' jibghat kull sena talbiet ghal hlas kien indikazzjoni cara lir-rikorrenti li minkejja dak li tghid li assigurawha Pace and Associates, il-licenzja kienet ghadha ma gietx kancellata minn fuq isimha. Kien l-obbligu tar-rikorrenti li tindaga ghaliex l-intimat kien qed ikompli jitlob il-hlasijiet, u mhux tinjora dawn it-talbiet u ma taghmel xejn. Huwa vera li r-rikorrenti cemplet darba lid-dipartiment fit-2003 (tminn (8) snin wara t-trasferiment tal-apparat) biex tinfurmahom b'dan it-trasferiment, u l-ufficjali tad-dipartiment qalulha biex tmur id-dipartiment biex thallas l-arretrati. Izda r-rikorrenti baqghet ma ghamlet xejn. Kien fl-interess esklussiv taghha li tassigura ruhha li l-licenzja tigi effettivament kancellata minn fuq isimha.

Ladarba r-rikorrenti ghazlet li ma taghmel xejn, hija baqghet responsabbli ghall-hlas tal-arretrati tal-hlas tal-licenzja, sakemm din il-licenzja giet revokata fit-3 ta' Jannar 2012.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti, u tikkonferma t-talba tad-Direttur intimat kif kontenuta fl-ittra ufficjali tieghu bin-numru 1825/12, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------